# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 3 ta' Ġunju 2021**

**Talba Nru: 135/19 JG**
**Numru fuq il-lista: 10**

**Carmel u Carmen konjuġi Busuttil Dougall**

**Vs**

**Cordina Insurance Agency, Agenti f'Malta u rappreżentanti ta' Schwarzmeer und Ostee Versicherungs Aktiengesellschaft (SOVAG)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-19 ta' Ġunju 2019, permezz ta' liema, s-soċjetá attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tirriżarċixxi l-ammont ta' elf, ħames mija u sitta u tmenin Ewro (€1,586) rappreżentanti spejjeż ta' safra li ġew mħallas mill-atturi u li ma saritx minħabba raġunijiet mediċi koperti mill-polza t'assigurazzjoni, kif aħjar deskritt fl-istess

Avviż tat-Talba. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-ittri uffiċjali bin-numri 2412/2014, 2147/2016, 2168/2018[1];

Ra d-dokumenti annessi mal-istess Avviż tat-Talba;

Ra r-Risposta għat-Talba ippreżentata fit-3 ta' Ottubru 2019, permezz ta' liema s-soċjetá konvenuta laqgħet għal dawn il-proċeduri billi eċċepiet *inter alia* li l-atturi naqsu milli jinformaw lis-soċjetá konvenuta rigward problemi mediċi preċedenti u li *l-quantum* reklamat huwa wieħed eċċessiv.[2];

Ra x-xhieda reġistrata mogħtija mill-partijiet f'diversi seduti quddiem dan it-Tribunal kif preċedentement presedut, kif ukoll in-numru ta' dokumenti eżebiti;

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[3];

Semá t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta[4];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, x-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri. Dan qiegħed isir anke għaliex x-xhieda ma ġietx mismugħa

---

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] A fol 29.
[3] A fol 68.
[4] Hekk kif kien ordnat fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2020. Trattazzjoni tinsab a fol 103 *et seq.*

minn dan it-Tribunal kif issa presedut, u għalhekk qiegħed jagħmel hekk sabiex iserraħ moħħ il-partijiet li dik ix-xhieda ġiet debitament mixtarra.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

Illi l-attriċi xehdet permezz t'affidavit[5]. Hija tispjega li fis-17 t'April 2013 hi u żewġha kienu għadhom ġew irritornaw minn vjaġġ u wara ftit, ħasset ftit skumditá fuq sidirha. Marru għand it-tabib tal-familja u talbitu jagħmel referral biex tagħmel xi testijiet sabiex taċċerta ruħha li ma kienx hemm xi problemi mediċi. Hu kien bgħata għand speċjalista. Imbagħad marret il-Breast Clinic sabiex tibbukja mammogram. Ma kienitx ħasset xi urġenza u għalhekk talbet li dan isir lejn Ġunju 2013. Fit-22 t'April 2013 (ħames tijiem wara), għamel il-prenotazzjoni ma Brittania Tours u ġew offruti il-possibilitá li jagħmlu assigurazzjoni ma Cordina Insurance. Huma aċċettaw. Fis-6 ta' Mejju 2013, waqt li kienet qiegħda tistenna l-appuntament għal mammogram, ħasset *lump* u hemmhekk bdiet tinkwieta. Fis-7 ta' Mejju 2013, reġgħet marret għand Dr. Portelli, u dan taha parir li tmur immedjatament il-Breast Clinic sabiex tagħmel appuntament urġenti. Hemmhekk, peress li ġiet infurmata li kellha tistenna għaxar tijiem, marret direttament l-isptar St. James. Fit-8 ta' Mejju 2013, għamlet appuntament ma' Dr. Salvina Zrinzo għal mammogram u kien dakinhar li ġiet infurmata li kellha kanċer aggressiv. Inbgħatet tagħmel biopsy, li sar fil-15 ta' Mejju 2013. Fit-22 ta' Mejju 2013, ħareġ ir-riżultat li kellha kanċer *Grade III.* Minn hemmhekk, fl-1 ta' Ġunju 2013 bdiet tingħata l-kura. Fit-2 ta' Settembru 2013, ġiet infurmata li kien hemm ħtieġa t'operazzjoni, li saret fit-12 t'Ottubru 2013. Meta infurmat lil Brittania Tours li kellha tħassar s-safra, dawn ma rrifondux id-depożitu. B'hekk infetħet *claim,* iżda s-soċjetá konvenuta rrifjutat li tħallas minħabba li skond huma, l-attriċi kienet marret tagħmel ultrasound fis-16

[5] A fol 18 tal-proċess.

ta' April 2013. Tispjega lid-dokumenti tas-soċjetá konvenuta huma żbaljati. Tispjega f'aktar dettal il-kronoloġija tal-fatti. Ġew eżebiti numru ta' dokumenti. Ukoll, fissret b'dokument appożitu, t-tempistika ta' din il-ġrajja.

Illi l-attur Carmel Busuttil Dougall xehed permezz t'affidavit[6] fejn bażikament ikkonferma l-kontenut tal-affidavit tal-mara tiegħu u qal li kien preżenti magħha fid-dati indikati.

Illi Dr. Salvina Zrinzo xehdet permezz t'affidavit[7]. Din spjegat li hija konsulent radjologu ġewwa l-Isptar Mater Dei u fil-Klinika St. James. Tgħid li l-attriċi kienet għamlet mammogramm fit-8 ta' Mejju 2013. Tikkonferma lid-dokument 4b[8] fih numru ta' żbalji. Tgħid li l-*lesion* nstabet fuq il-lemin u mhux fuq ix-xellug. In oltre, l-ultrasound li qiegħed immarkat li seħħ fis-16 t'April 2013 fil-fatt sar fit-8 ta' Mejju 2013. Kien tramite dan il-mammogram li nstabet il-*lesion*.

Illi xehed ukoll il-direttur tas-soċjetá konvenuta, Maurice Cordina[9] fejn dan spjega li kopja tal-polza intiera m'għandux għaliex dik tkun fuq website. Għandu l-brochure fejn hemm is-*summary* u l-*exclusions*. Dawn ġew debitament eżebiti, u x-xhieda tiegħu *viva voce* tiċċentra aktar fuq dettalji tad-dokumenti. Spjega wkoll li possibiliment kien hemm xi żbalji fid-dati. Jgħid li kien hemm korrispondenza kopjuża fuq dan il-każ[10].

Illi kif indikat fin-nota enumerata disgħa (hawn taħt), dan ix-xhud xehed ukoll permezz t'affidavit. Hawnhekk, reġa spjega li l-atturi kienu ħarġu polza fir-

[6] A fol 30.
[7] A fol 32.
[8] Li pero m'huwiex anness, kif dikjarat fl-affidavit.
[9] Dan xehed kemm bħala xhud tal-atturi (imressaq minnhom) u kif ukoll permezz t'affidavit. Ix-xhieda *viva voce* tiegħu seħħet fit-18 ta' Frar 2020 u tibda a fol 34 *et seq*, mentri l-affidavit tiegħu jinstab a fol 63.
[10] Dawn ġew eżebiti mill-atturi permezz ta' nota appożita li tinsab a fol 38.

rigward ta' vjaġġ. Jgħid li t-tħassir tal-vjaġġ kienet parti mill-polza, fis-sens illi kellhom kopertura jekk jinqala mard. Iżda meta għamlu l-verifiki mill-file relattiv, s-soċjetá konvenuta rat li dakinhar li l-attriċi ħarġet il-polza, kienet diġa ġiet riferuta biex tagħmel testijiet mediċi u li din l-istess marda, li wasslet għal din il-*claim* kienet l-istess raġuni għala kienet ġiet inizjalment riferuta. Dan ir-*referral* qatt ma ġew dikjarati mal-applikazzjoni tal-polza. Ġew eżebiti dokumenti oħra.

Illi mir-riepilogu hawn fuq magħmul, għandu jkun indiskuss lill-vertenza odjerna tirraġġira ruħha u tiċċentra fuq il-polza ta'assigurazzjoni ta' bejn il-kontendenti. Issa, b'mod ġenerali huwa magħruf li dan il-kuntratt iqiegħed obbligi fuq il-kontraenti li jkunu qegħdin f'dak il-mument jikkontrattaw fuq aspett spekulattiv u ċioé li l-assiguratur jobbliga ruħu li jindennizza lill-assigurat għal xi event dannuż futur[11].

Illi huwa wkoll magħruf, u għalhekk ma hemmx ħtieġa ta' xi rakkolta ġurisprudenzjali estensiva, li dawn it-tipi ta' kuntratti jeżiġu obbligu lil hinn mis-sempliċi *buona fede* kif irid u jgħallem l-artikolu 993 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Ġie ritenut diversi drabi, li kuntratti ta' din ix-xorta huwa governati

---

[11] Fis-sentenza fl-ismijiet **Salvatore Sammut vs Middle Sea Insurance p.l.c** (App Ċivlii Nru: 1188/2000) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-14 ta' Mejju 2004, liema deċiżjoni hija ta' spiss riferuta f'dawn it-tip ta' kawżi, dik il-Qorti tat is-segwenti definizzjoni: "*...Polza ta' assikurazzjoni tohloq relazzjoni bilaterali bejn il-kontraenti fejn, in konsiderazzjoni tal-hlas ta' Premium mill-assikurat lis-socjeta` assikuratrici, dik l-istess socjeta` tintrabat li tindenizza lill-assikurat taghha fl-eventwalita` li dan jsofri xi telf bhala rizultat ta' event dannuz kopert bl-istess polza ta' assikurazzjoni. L-element principali f'dan it-tip ta' kuntratt huwa r-riskju, liema riskju tassumieh s-socjeta` assikuratrici. F'dan is-sens, ghalhekk, dan huwa kuntratt bilaterali b'titolu oneruz in kwantu l-kontraenti jirregolaw l-obbligazzjonijiet ta' bejniethom billi bil-hlas ta' premium da parti tal-assikurat tiskatta l-obbligazzjoni ta' indennizz da parti tas-socjeta` assikuratrici. In kwantu polza ta' assikurazzjoni hija kuntratt jehtieg li jigu sodisfatti r-rekwiziti generali tal-kuntratti u cioe` li l-kontraenti jkunu kapaci jikkuntrattaw u li jaghtu l-kunsens taghhom. Inoltre l-oggetti tal-kuntratt jrid jkun determinat u lecitu...*"

bill-prinċipju tal-*uberrimae fides*[12]. Naturalment, peress li huwa l-assigurat li għandu l-aktar informazzjoni fil-ħin tad-djalogu rigwardanti l-iffirmar u aċċettazzjoni ta' polza, għalhekk huwa jarrekka fuqu l-obbligu li jkun mhux biss sinċier għal dak li jkun mistoqsi lilu, iżda huwa doveruż fuqu li jagħti kull informazzjoni li titqies materjalment importanti anke jekk m'hux hekk mistoqsi b'mod dirett[13].

Illi xogħol it-Tribunal allura huwa li jassimilja l-fatti hawn fuq miġbura lejn dawn il-prinċipji.

Illi t-Tribunal, mingħajr mistħija, jgħid li ħaseb fit-tul fuq dan il-każ, u dan anke għaliex il-mistqosija imposta fuqu ma kinitx, għalieh, waħda ta' faċli spedizzjoni.

---

[12] Fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Grech et vs Middlesea Insurance plc et** (App Ċiv Nru: 86/2010/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-28 ta' Lulju 2014, ġie ritenut hekk "*Trattat l-appell din il-Qorti tibda biex tosserva illi kuntratt ta' assigurazzjoni huwa kuntratt uberminae fidei li huwa principju accettat mill-awturi u l- gurisprudenza kollha in materja. Kuntratt ta' assigurazzjoni huwa riskju ghal min johrog il-kopertura u, kwindi, hu mistenni li min jitlob assigurazzjoni jkun onest maghha u jaghtiha l-informazzjoni kollha materjali u rilevanti ghall-kaz. Hekk, fil-kawza Rozanes v. Bowen, 1928, il-Qorti Ingliza osservat "It has been for centuries in England the law in connection with insurance of all sorts, that as the underwriter knows nothing and the man who comes to him to ask him to ensure knows everything, it is the duty of the assured, the man who desires to have a policy, to make a full disclosure to the underwriters, without being asked, of all the material circumstances. ... That is expressed by saying that it is a contract of the utmost good faith". Fil-kawza Greenhill v. Federal Insurance Co Ltd, 1927, rega' ntqal "Now, insurance is a contract of the utmost good faith, and it is of the gravest importance to commerce that the position should be observed. The underwriter knows nothing of the particular circumstances of the voyage to be insured. The assured knows a great deal, and it is the duty of the assured to inform the underwriter of everything that he has not taken as knowing, so that the contract may be entired with an equal footing." Dan il-principju gie enfasizzat fl-EEC Council Directive tal-1977, ghalkemm, f'dik id-direttiva, gie suggerit li l-obbligu tal-assikurat huwa ezawrit meta jirrispondi onestament id-domandi li jkun hemm fil-polza, minghajr htiega li jzid aktar."*

[13] Wieħed huwa mistieden jara dak li seħħ fis-sentenza fl-ismijiet **Ambrose Mackay et [vs Citadel Insurance p.l.c.** mogħtija mil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Mejju 2016. Ġustament, irid jingħad li din is-sentenza hija attwalment il-mertu t'appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), differita għas-sentenza għat-30 ta' Ġunju 2021. Madanakollu, għalkemm m'hux indentiċi, l-fatti ta' dawk il-proċeduri huma simili ħafna ta' dawk li qegħdin jiġu eżaminati hawnhekk u l-konklużjoni hemm raġġunta kienet ukoll t'għajnuna għal dan it-Tribunal waqt il-kitba ta' din id-deċiżjoni.

Illi t-Tribunal jrid jirrimarka wkoll, li kien ikun doveruż fuq l-atturi li jixhed Dr. Portelli, għaliex huwa bil-wisq naturali li huwa seta faċilment jixhed fid-dettal dwar ir-raġuni għar-*referral*. Huwa ovvju li l-pern ta' din il-kwistjoni tirrivolvi ruħha fuq dak li seħħ ma dan it-tabib. Però, għar-raġunijiet issa hawn isfel indikati, t-Tribunal jgħid li huwa konfortat b'xhieda oħra, u partikolarment dokument, li juru lit-talba attriċi m'hijiex meritovli t'akkoljiment.

Illi għalkemm l-attriċi tispjega li hija ma ħasset xejn waqt is-safra preċedenti, jirriżulta minn dokument maħruġ mill-faxxikolu tagħha fi ħdan Mater Dei[14], li fil-fatt l-attriċi kienet ilha diġa, fit-18 ta' April 2013, tinnota uġieħ f'sidirha. Dan id-dokument jixhed hekk *Clinical: 4 days history of pain R breast. Lumpy on examination. For expert assessment.* U dan huwa dak li jidher li nħareġ mir-*referral* ta' Dr. Portelli, li kif ingħad hawn fuq ma ġiex prodott bħala xhud f'dawn il-proċeduri. Għalhekk, kif jaraha dan it-Tribunal, l-intenzjoni tal-attriċi kienet li tmur għand Dr. Portelli mhux bħala konsultazzjoni ta' rutina, iżda b'mod speċifiku għaliex ħasset xi ħaġa mhux solita, li tant dakinhar tal-konsultazzjoni kienet waħda mhux normali, lit-tabib fil-fatt irreferiha immedjatament il-klinika speċjalizzata għal-aktar eżamijiet mediċi[15]. Għalhekk, meta l-attriċi marret dakinhar, marret bl-intenzjoni speċifika sabiex teżamina dan l-uġiegħ, li fi żmien qasir, sfortunatament, irriżulta li kienet marda serja, u kellha tagħmel interventi fuq hekk. Wara kollox, *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur*.

Illi għalhekk, meta biss ħames t'ijiem wara, l-atturi marru sabiex jagħmlu prenotazzjoni ta' din is-safra, meta l-esperjenza ħażina tat-tabib kienet ċertament

[14] Dan huwa mmarkat bħala Dok MC6. Għalkemm ma jurix xi timbru uffiċjali, dan ġie eżebit minn Maurice Cordina u fix-xhieda tiegħu spjega li dan maħruġ mill-file tagħha. Dan ma ġiex sottopost għal-kontro-eżami u għalhekk it-Tribunal qiegħed iqis dak mitkellem bħala veritier u aċċettat.

[15] Dan huwa kollu wkoll ikkonfermat mit-*Ticket of Referral* ta' Dr. Portelli, li jinsab eżebit a fol 22. Hemm propju imniżżel li l-attriċi kienet ilha erba' tijiem bl-uġieh u li waqt l-eżaminazzjoni magħmula miegħu, kienet *lumpy on examination.*

għada waħda friska f'moħħhom, kellhom kull obbligu li jiżvelaw dan il-fatt skond il-polza. Kif tajjeb semma l-abbli difensur tas-soċjetá konvenuta fit-trattazzjoni finali tiegħu, s-soċjetá konvenuta, f'dak il-ħin, jekk kienet tkun armata b'din l-informazzjoni, mhux neċessarjament kienet sejra ma taċċettax il-ħruġ tal-polza (għalkemm kienet libera li tagħmel dan), iżda setgħet tikkawtela aħjar l-pożizzjoni tagħha f'dak il-ħin, billi teżiġi pagament aktar oneruż.

Illi skond is-*summary* tal-polza[16] hemm speċifikament indikat li esklużjoni tal-polza hija enforzabbli dwar *Any costs arising from a medical condition that is known at the time of buying insurance.* Apparti minn hekk, hemm indikat, b'kundizzjoni speċjali li *You must not be aware of any reason why the proposed journey could be cancelled or curtailed.* Fil-fehma tat-Tribunal, l-attriċi kienet ben konxja b'din il-possibilitá, iżda baqgħet siekta fuq dan l-aspett. Ukoll, fil-formola tal-prenotazzjoni[17] hemm speċifikament imniżżel hekk: *I also confirm that to the best of my knowledge all persons listed are not physically or mentally handicappted or receiving or awaiting medical or surgical treatment are totally fit for travel at the time of effecting the Insurance.* Aktar minn hekk, f'dokument ieħor[18], l-atturi ġew imwissija mis-soċjetá konvenuta li l-atturi ma kienux koperti jekk: *1) You have a medical condition (either current or one that has occurred in the last twenty-four months) which you knew about before you bought this policy unless it was declared to us and we accepted the condition for insurance in writing. (Claims from pre-existing conditions or consequent thereto are always excluded) ........3) You are on a hospital waiting list or* ***anticipate any treatment, tests or consultations with medical speciatlists in the future,*** *unltess this was declared to us and we accepted the condition for insurance in writing.* (***enfasi tat-Tribunal).***

[16] Dok MC1 a fol 49
[17] Dok MC 2 a fol 50.
[18] Dok MC 4 a fol 53

Illi huwa minnu lid-dijanjosi finali ġiet aċċertata wara li nħarġet din il-polza, iżda kif ġie spjegat, ftit qabel ma nxtrat il-polza, l-attriċi kienet konxja li kien hemm kwistjoni medika ta' ċertu gravita, għaliex kienet diġa ġiet riferuta sabiex isiru eżamijiet mediċi.

Illi mill-assjem tal-provi u l-kunsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, t-Tribunal m'huwiex moralment konvint li l-istanza attriċi għandha mis-sewwa u għalhekk sejra tiġi riġettata. Filwaqt li t-Tribunal huwa ben konxju bil-fakultá ekwitattiva vestita fiħ, iqis li lanqas dan il-kejl ma huwa suffiċjenti sabiex jikkonvinċieħ li l-atturi għandhom raġun f'din it-talba.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetá konvenuta, qiegħed jiċħad it-talba tal-atturi.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tal-atturi.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur